

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Rikors ippreżentat fis-6 ta' Mejju 2010 — Costa vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-26/10)

(2010/C 179/100)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrent: Antonino Costa (Thionville, Franza) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandebussche, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni li teskludi lir-rikorrent mill-proċedura ta' promozzjoni 2009 u l-kundanna tal-konvenuta sabiex tħallaslu somma għad-dannu morali kkawżat.

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li teskludi lir-rikorrent mill-proċedura ta' promozzjoni 2009, li ġiet innotifikata lill-fit-22 ta' Novembru 2009;

— sa fejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2010 li tiċħad l-ilment;

— konsegwentement, tobbliga lill-konvenuta terġa' tibda l-proċedura ta' promozzjoni 2009, b'mod regolari, billi tinkludi lir-rikorrent;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tas-somma ta' EUR 25 000 bħala ħlas għad-dannu morali;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2010 — Begue et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-27/10)

(2010/C 179/101)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: Christian Begue (Marcy, Franza) u oħrajn (rappreżentant: A. Woimant, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annulament tad-deċiżjoni li tiċħad lir-rikorrenti l-ħlas b'effett retroattiv tal-benefiċċji speċjali stabbiliti fl-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal.

#### Talbiet tar-rikorrenti

— Tannulla d-deċiżjoni (Nru R/467/09) tal-Awtorità Kompetenti li Tikkonkludi l-Kuntratti (AKTK) li tiċħad l-"ilmenti" tar-rikorrenti kontra d-deċiżjoni ta' ċħid tat-3 ta' Settembru 2009 dwar it-talba għall-ħlas b'effett retroattiv tal-benefiċċji speċjali stabbiliti fl-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal;

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2010 — VE (\*) vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-28/10)

(2010/C 179/102)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

Rikorrenti: VE (\*) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

(\*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.